**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 45/15(24_03_15).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Kunsillier u s-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-17 ta' Marzu 2015.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Offerti għal xogħlijiet MXR/001/2015 u MXR/002/2015.
6. Ftuħ uffiċjali tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
7. Inawgurazzjoni tal-ewwel fażi tal-Pjazza tal-Knisja.
8. Approvazzjoni tal-pjanti għall-bdil ta' użu tal-kamra tal-*Playing Field*.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 5/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2015-16'.

2.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward *Press Release* - Stedina għat-Taħriġ: ESF 4.243 'Insaħħu l-kompetenzi għal Servizz Pubbliku effiċjenti permezz tal-użu tas-servizzi elettroniċi tal-Gvern'. Saret referenza għal 2 *e-mail*s fejn dan id-Dipartiment bagħat l-istedina separatament għal parteċipazzjoni f'dan it-taħriġ. Intbagħtet ukoll kopja tal-avviż tal-istampa maħruġ mill-MITA dwar it-tnedija tal-proġett 'Servizzi Pubbliċi Onlajn'.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward ‘Laqgħa dwar Sistema ta’ Informazzjoni Ġeografika (GIS)’, fl-14 t’April 2015 ġewwa l-kwartieri tal-Water Services Corporation f’Ħal Luqa. Il-WSC għandha GIS aġġornata ferm u tista’ tintuża għal diversi skopijiet. Bħala parti minn proċess biex jiġi kkunsidrat li din is-sistema tintuża mill-Kunsilli Lokali, l-AGL qiegħda tfittex l-għajnuna ta’ żewġ segretarji minn kull Reġjun sabiex jattendu għal din il-laqgħa.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ‘L-Assikurazzjoni u s-Sigurtà tal-Kunsill Lokali/Kumitati Reġjonali’. Is-Segretarji Eżekuttivi ġew imfakkra sabiex jimxu mal-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali Finanzi – P1.15.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Transport Malta rigward ‘eForms update’. Ġiet introdotta l-faċilità li permezz tal-*eForms* il-Kunsilli jibagħtu applikazzjoni ġdida għall-*arterial/distributor roads* minflok bl-*e-mail* jew bil-posta u tneħħa l-bżonn mandatarju għas-sottomissjoni tal-permess tal-MEPA ma’ applikazzjoni għal-*line markings* fir-rigward ta’ aċċess għall-*garages*.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Practice Development Unit, Primary Health Care Department rigward ‘Invitation – Primary Health Care Department programme of health educational talks’. Il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa f’din l-inizjattiva.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident fi Triq San Pawl sabiex isiru *double yellow lines* faċċata tal-bieb tal-*garage*. Dan għaliex minħabba vetturi pparkjati hemmhekk ma tkunx tista’ toħroġ u ddaħħal il-vettura fil-*garage*. Kien hemm qbil u l-Kunsill kien ser japplika ma’ Transport Malta.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ rigward il-proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ. Dan il-proġett għandu l-għan li jagħti opportunità ta’ ċittadinanza attiva lil żgħażagħ bejn l-14 u t-18-il sena billi jiffurmaw Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ fil-lokalità. Dawn il-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ ikollhom il-kollaborazzjoni mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ikun obbligat li jekk il-Kunsill Lokali Żgħażagħ jirbaħ il-proġett li jissottometti lill-Aġenzija Żgħażagħ ikun lest li għamel tajjeb għal 20% (massimu €600) tal-proġett.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairperson* tal-Bord ta’ Evalwazzjoni ta’ Proġetti Kapitali tal-Kunsilli Lokali fejn ġejna infurmati li l-proġett kapitali mressaq mill-Kunsill ma ġiex magħżul. Il-Kunsill qed jiġi infurmat li l-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali qed jagħti d-dritt lill-Kunsill li jagħmel appell mid-deċiżjoni tal-Bord ta’ Evalwazzjoni.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kummissjoni Familja dwar il-Premju Familja Qalb tad-Deheb. Hija qed tilqa’ n-nominazzjonijiet għal dan il-premju. Ta’ kull sena l-Premju Familja Qalb tad-Deheb jingħata lil familja li minkejja d-diffikultajiet li tkun iltaqgħet magħhom, tkun żammet sħiħa u magħquda u b’hekk tista’ sservi ta’ mudell għas-soċjetà.

3.05 Il-Kunsill irċieva rendikont tal-Urban Improvement Fund fejn sal-aħħar ta' Diċembru 2014 fondi għall-Munxar jammontaw għal €7,011.07 u għax-Xlendi jammontaw għal €47,379.20.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-avukat ta' Eagle Security Systems fejn qed jibgħat id-dokumenti kollha relevanti għar-rigward il-każ ta' apparat li twaħħal fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi u ma jaħdimx. Huwa bagħat ukoll l-*invoices* relattivi għat-tiswijiet u xogħlijiet li saru u li ma humiex koperti bil-garanziji. Wara li saret laqgħa mal-avukat tal-Kunsill, huwa qed jagħti parir lill-Kunsill sabiex jikteb lil Eagle Security Systems u jinfurmah li jekk ser jibqa' ma jirranġax dak l-apparat li ma jaħdimx, il-Kunsill kien se jikkonfiska l-garanzija u jitħallsu għall-irranġar tal-ħsarat.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 45/15(24_03_15).

**5.00 Offerti għal xogħlijiet MXR/001/2015 u MXR/002/2015.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta MXR/001/2015 - *Upgrading of Triq Żgħawri Nature Walk.* Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fl-20 ta' Marzu 2015 u nstabu żewġ offerti:

1. Gatt Tarmac Ltd.
2. Road Construction Co. Ltd.

Il-Bord tal-Evalwazzjoni rrakkomanda lill-Kunsill li din l-offerta tingħata lil Road Construction Co. Ltd. minħabba li hija l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li l-offerta tingħata lil Road Construction Co. Ltd. peress li kienet l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

5.02 Il-Kunsill beda jiddiskuti s-sejħa għall-offerti - MXR/002/2015 – *Pedestrianising Il-Munxar's Village Square.* Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fl-20 ta' Marzu 2015 u nstabu tliet offerti:

1. William Xuereb
2. Jason Gauci
3. Road Construction Co. Ltd.

Il-Bord tal-Evalwazzjoni rrakkomanda lill-Kunsill li din l-offerta ma tingħatax minħabba li l-offerta li teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet taqbeż l-ammont ibbaġitjat mill-Kunsill għal din l-offerta.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li l-offerta ma tingħatax minħabba li l-offerta li teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet taqbeż l-ammont ibbaġitjat mill-Kunsill għal din l-offerta.

**6.00 Ftuħ uffiċjali tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

6.01 Kif kien diġà deċiż dwar l-inawgurazzjoni tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi, din se tiġi inawgurata l-Ħadd, 29 ta' Marzu 2015, fl-10.30 ta' filgħodu mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Dr Anton Refalo u mis-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali Il-Munxar. Wara li tispiċċa l-attività ser ikun hemm riċeviment.

**7.00 Inawgurazzjoni tal-ewwel fażi tal-Pjazza tal-Knisja.**

7.01 Huwa ppjanat li l-inawgurazzjoni tal-ewwel fażi tal-Pjazza tal-Knisja ssir nhar l-Erbgħa, 8 t'April 2015 fl-10 ta' filgħodu mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Dr Anton Refalo u mis-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali Il-Munxar.

**8.00 Approvazzjoni tal-pjanti għall-bdil ta' użu tal-kamra tal-*Playing Field*.**

8.01 Il-Perit Felice ġie inkarigat sabiex jipprepara pjanti biex issir proposta lill-MEPA u jinbidel l-użu ta' kamra fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina minn *IT Room* għal *Class 4 d Snack Bar* u *meeting room*. Kien hemm qbil fuq il-pjanta kif proposta mill-Perit Felice u fuq il-kundizzjonijiet li ssemmew fil-laqgħa ta' qabel.

**09.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

09.01 Is-siġar tal-Pjazza tal-Knisja nżabru, saret bankina fi Triq San Pawl u nqata' l-ħaxix ta' Ġnien Ragalna. Ser isir xogħol ta' *patching* fit-toroq tal-Munxar.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex. Ġie diskuss dwar id-devoluzzjoni tad-dawl tat-toroq li issa ngħatat spinta 'l quddiem. Intgħażel is-Segretarju Eżekuttiv.

10.02 Bħalissa qed ikun hemm problema ta' kenniesa għall-Munxar u Ix-Xlendi. Għadu kemm inbidel il-kennies tal-*Parking* tax-Xlendi.

10.03 Bdew il-korsijiet ta' *fitness*. L-attendenza għall-ewwel *session* kienet: Anzjani: 26, Adulti: 11 u Tfal: 9.

10.04 Saret laqgħa mal-Perit Ivana Farrugia u rappreżentant ta' Wirt Għawdex dwar ir-restawr tal-istatwa ta' Sant'Indrija.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba sabiex dik il-parti ta' Triq Tarsu li qed tiġi żviluppata 'l fuq minn Triq Ta' Rinota tissemma għall-Kappella li kien hemm fi żmien il-qedem u li kienet iddedikata għal Santa Anjieża. Peress li din il-parti tkun trid tissemma Triq Tarsu, is-suġġeriment li tissemma għall-Kappella li kien hemm jista' jingħata għal triq oħra li se tinfetaħ fil-viċin.

11.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba mingħand persuna li bena post fil-parti l-ġdida ta' Triq Tarsu u qed jitlob biex f'din il-parti tat-triq isiru lampi, waħda mal-post tiegħu u 2 oħra ma' arbli li twaħħlu. Kien hemm qbil dwar dan.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sur Robert Mallia semma bozza ma’ arblu fi Triq il-Kalkara tal-Ġir u dwar il-*Bus Shelter* li għadu ma sarx.

12.02 Is-Sinjura Carmen Said semmiet il-bżonn li jsir *patching* fil-Pjazza tal-Knisja.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm bżonn li tiġi installata bozza ġdida fi Triq il-Qroll, Ix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

13.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm bżonn li jsiru toqob għall-festa. Għandhom isiru tnejn fi Triq San Pawl u waħda fi Triq Dun Spir Gauci. Kien hemm qbil dwar dan.

13.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm bżonn li jinxtraw fjuri għall-Pjazza tal-Knisja. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta’ filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 22 ta’ April 2015, fis-7.15 ta’ filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***